

Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

L-GHAXAR ' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10/ K10/ 2026

Data tal-Laqgha: 5 ta' Ottubru 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' fil-17.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI:

Raymond Schembri - Sindku
Miguel Abela - Viċi Sindku
Jean Paul Barbara - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier
Jean Toin Magri - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Sindku : Raymond Schembri
Viċi Sindku : Miguel Abela
Kunsilliera : Jean Paul Barbara Ryan Tanti, Jean-Toin Magri
Segretarju Eżekuttiv : Shawn Tanti

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

10.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08/K10/2026;

10.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K10/2026 **(Dok.1).**

10.2.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku jinforma lir-residenti li sar xogħol ta' installazzjoni ta' dawl ġdid fil-Ġnien il-Ħaddiem. Dan l-intervent sar bil-għan li jittejjeb id-dawl u l-viżibilità fil-ġnien, biex ir-residenti jkunu jistgħu jgawdu dan l-ispazju pubbliku b'aktar kumditá u sigurtà, anke matul is-sigħat ta' filgħaxija.

10.3.2 Is-Sindku jinforma lir-residenti li sar xogħol ta' refreshing fi Triq il-Merill, bħala parti mill-ħidma kontinwa tal-Kunsill Lokali biex itejjeb u jżomm il-lokalità f'kundizzjoni tajba.

10.3.3 Is-Sindku jinforma lir-residenti li sar xogħol ta' żebgħa ta' double yellow lines fi Triq Santa Marija, kif kien ġie maqbul preċedentement. Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà u l-aċċessibbiltà fit-triq, filwaqt li tiżgura li t-traffiku jkun jista' jgħaddi b'mod aktar sigur u mingħajr xkiel

10.4

Twegibiet ghal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

10.5 Traffic Calming Measures Triq Misrah Suffara

10.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' traffic calming fi Triq Misraħ is-Suffara, bil-għan li titjieb is-sigurtà fit-triq u jitnaqqas ir-riskju kkawżat minn sewqan b'veloċità eċċessiva. Dawn il-miżuri huma intiżi biex jipprovdu aktar protezzjoni lir-residenti, lis-sewwieqa u lill-persuni li jużaw din it-triq, filwaqt li jikkontribwixxu għal ambjent tat-traffiku aktar sigur u organizzat.

10.5.2 Il-Kunsillier Jean Paul Barbara ssekonda.

10.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.6 Mera Gdida fi Triq il-Wilga

10.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li titwaħħal mera tat-traffiku fi Triq il-Wilġa, sabiex titjieb il-viżibilità u tiżdied is-sigurtà għall-utenti tat-triq.

10.6.2 Il-Vici Sindku Miguel Abela ssekonda.

10.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.7 Manutenzjoni Triq San Gwann Bosco

10.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni fi Triq San Ġwann Bosco, sabiex titjieb il-kundizzjoni tat-triq u jiġu indirizzati l-problemi eżistenti. Dan ix-xogħol huwa parti mill-impenn tal-Kunsill Lokali biex ikompli jtejjeb l-infrastruttura tat-toroq u jiżgura ambjent aktar sigur u miżmum tajjeb għall-benefiċċju tar-residenti u l-utenti kollha tat-triq.

10.7.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.8 Komunita Rota

10.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-inizjattiva Komunità Rota, li għandha l-għan li tħeġġeġ aktar parteċipazzjoni u involviment mill-komunità permezz ta' attivitajiet u inizjattivi li jippromwovu l-għaqda, il-kollaborazzjoni u l-benesseri tar-residenti.

10.8.2 Il-Kunsillier Jean Paul Barbara ssekonda.

10.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti

10.9.1 Is-Sindku Raymond Schembri pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

10.9.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10 Mozzjonijiet

10.10.1. Ma Kien hemm l-ebda mozzjoni

10.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.11.1. Il-laqgħa intemmet fl-19-.15 u giet oġġornata ghad- 9 ta' Novembru fil-17.00

10.11.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

10.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 9 ta' Novembru, 2026

FFIRMATA	**FFIRMATA**
Raymond Schembri	Shawn Tanti
Sindku	Segretarju Eżekuttiv